**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TNEJN U ERBGĦIN 8ta' AWWISSU, 2018**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Dr Tiffany Ann Farrugia, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri avża li ma kienx ser ikun preżenti għas-seduta.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **42.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 42.1.1 | | Il-Kunsillier Dr Jean Pierre Attard, informa li ma setgħax jattendi. Dok 1 mehmuż. |
| | | |
| **42.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 42.2.1 | | Fir-rigward ta' punt 41.5.1 l-aħħar punt kien hemm qbbil li l-bankina titwessa b'metru. |
| | | |
| | | |
| 42.2.3 | | Ġew approvati l-minuti tal-wieħed u erbgħin –il seduta. |
| | | |
| ***42.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 42.3.1 | | Ma kienx hemm komunikazzjoni mis-Sindku. |

| | | |
|---|---|---|
| *42.4* | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 42.4.1 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia semma:<br>Triq il-Karmnu li hemm servizz tal-WSC perikoluż. Kien hemm qbil li jarha l-Kunsillier inkarigat.<br>Bżonn ta' refresh tal-linji fi Triq Bronja - Kien hemm qbil i jsiru |
| | | |
| 42.4.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li:<br>• il-Posta Ltd qed jitolbu rampa biex il-post ikun aċċessibbli. Il-Kunsill irid jikkummenta li dan hu l-inkarigu tal-Posta li joħloq aċċess għal propjeta tiegħu.<br>• Trejqa fi Triq San Luqa hemm bżonn li jsir bollard biex ma jipparkjawx vetturi fih.<br>• Tneħħew żewġ siġar fejn il-banka tal-lottu hemm bżonn li jitħawlu tnejn oħra – Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Il-funtana ta' Valletta Road qed jitkompla x-xogħol fuqha imma sal-festa tar-raħal mhux ser ikun hemm ħafna kambament, biex ma jinħoloqx diżgwiet.<br>• Ċint fi Triq il-Wied hemm bżonn li jitneħħa u ssir bankina minflok. – Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 42.4.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill ħa fondi mill-UE, fuq miżura 4.3. Saret triq waħda minn tlieta u l-kuntrattur informa li ma jridx ikompli jaħdem minħabba l-ħafna xogħol li għandu bħalissa.<br>Kien hemm qbil li jekk jintilfu l-fondi, l-Kunsill għandu jżomm lill-kuntrattur responsabbli. Jonqos Sqaq San Tumas u Sqaq ta' B'Xejn.<br>Il-Kunsill sadanittant ser jitlob estenzjoni tal-iskema tal-fondi. |
| | | |
| 42.4.4 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima qalet li hemm bżonn li tiġi rranġata l-bankina ta' Vjal il-Blue Grotto. Kien hemm qbil li ser tkun iċċekjata l-bankina. |
| | | |
| 42.4.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq ix-xogħol ta' Vjal ix-Xarolla. Is-Sindku qal li x-xogħol issa miexi sew u r-residenti kuntenti biha. Ix-shelters ser ikunu mgħottija bi ħġieġ/perpex biex jibqgħu jidhru. |
| | | |
| 42.4.6 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hemm bżonn li kif issir Triq Ħal Far bit-tarmakk, għandha issir 'no entery for heavy vehicles'. Hu ġie nfurmat li t-tabelli diġa jeżistu. |
| | | |
| 42.4.7 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fi Triq San Pawl hemm bżonn li jsir central line. Kien hemm qbil li t-triq dejqa u l-linja fin-nofs ma tistax issir. Kien hemm qbil li ssir tabella li tindika li hi *two way traffic*. |
| | | |
| ***42.5*** | | ***RAPPORTI*** |
| ***42.5.a*** | | ***RAPPORT FINANZJARJU TA' KULL KWART – IT-TIENI KWART*** |
| | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena |

| | | |
|---|---|---|
| | | għall-approvazzjoni. Dan ġie approvat biex ikun ippubblikat. **Dok 2 mehmuż** |
| | | |
| ***42.6*** | | ***ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL LOKALI LI JKUNU MEĦTIEĠA.*** |
| | | |
| | | |
| ***42.6A*** | | ***PERMESSI TAL-GABBANI TAL-FESTA TA' SANTA KATARINA VM*** |
| | | |
| 42.6A. 1 | | Inġibdet l-attenzjoni li l-ħwienet ta' Vjal il-Blue Grotto kellhom mwejjed u siġġijiet aktar milli kellhom permess għalihom u l-ħanut 'The Village Core' barra l-permess tal-bar u l-imwejjed u siġġijiet, ħareġ bank kbir li kien qed isajjar majjal fuqu. Dan il-ħanut diġa qed jirreklama l-istess attivita' għal festa li jmiss.<br><br>Inġibdet l-attenzjoni ukoll li fil-festa kien hemm persuni bla permess.<br><br>Is-Sindku qal li qedgħin fis-sena tal-elezzjoni u għal din is-sena l-Kunsill għandu jgħalaq għajnejh. Kien hemm qbil. Il-kunsillier David Abdilla qal li hu jaqbel li l-Kunsill għandu jgħalaq għajnejh għax fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu, kienu diġa kisru l-permessi u l-kunsill ma ħax azzjoni, imma ma jaqbilx ma' dak li qal is-Sindku li l-kunsill jgħalaq għajnejh għx qorbot l-elezzjoni. |
| | | |
| ***42.6B*** | | ***PA1189/18 – PROĠETT FEJN GARDEN OF EDEN*** |
| | | |
| 42.6B1 | | Il-Kunsill qabel li ġaladarba diġa oġġezzjona għandu jibqa mad-deċiżjoni tiegħu li kien ħa f'seduti preċedenti, għalhekk l-PA għandha taqta d-deċiżjoni. |
| | | |
| 42.6B2 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hemm bżonn li l-Kunsill għandu jkun infurmat b'pass pass fuq x'ser jiġri minn Wied Babu. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lin-Natura 2000 biex iżżomna infurmati bil-proċess, ladarba din l-NGO ġiet imsemmija waqt il-laqgħa preċedenti. |
| | | |
| ***42.6C*** | | ***APPROVAZZJONI TA' AĠĠUDIKAZZJONI TA' TENDERS:***<br>***1. Professional Services of an Architect to the Zurrieq Local Council***<br>***2. Street Sweeping Services in the Locality of Zurrieq***<br>***3. SERVICE TENDER FOR THE COLLECTION OF MIXED HOUSEHOLD WASTE FROM THE LOCALITY OF ZURRIEQ IN AN ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MANNER*** |
| | | |
| 42.6c.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-Kuntrattur Kevin Farrrugia li bħalissa qed jagħti s-servizz tal-knis u li qed jaħdem wara li inħarġu kwotazzjonijiet, informa li hekk kif jinħareġ ir-riżultat tat-tender hu ma kienx beħsiebu jkompli jagħti s-servizz bil-kwotazzjoni. |
| | | |
| 42.6C. 2 | | Dawn kienu l-offerenti, l-orħos u kompetenti li ġew aġġudikati:<br>1. Perit William Lewis – JIBDA 1 TA' AWWISSU, 2018<br>2. WM ENVIRONMENTAL LTD – JIBDA 24ta'Awwissu, 2018<br>3. Gaetano Galea- 1 TA'AWWISSU, 2018<br><br>Kien hemm qbil mal-aġġudikazzjonijiet. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***42.6.D*** | | ***APPROVAZZJONI:XOGĦLIJIET U SERVIZZI*** |
| | | |
| 42.6D.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• ħarġet Ċirkulari SPI9/2018 favur il-komunita' – Libreriji Lokali. Hi qalet li fuq qbil mal-Kunsillier inkarigat Tiffany Ann Farrugia u mal-librar, kien hemm qbil li jinxtara health and safety equipment. Il-Kunsillier David Abdilla qal li l-Kunsillier għandu jkollu health and safety officer. Kien hemm qbil li jinġibu kwotazzjonijiet<br>• intalbet sleeping policeman fi Triq il-Barrieri viċin blokka flats – Il-Kunsill qabel li jitlob l-approvazzjoni ta' TM wara li tintalab petizzjoni mir-residenti tal-akwata.<br>• talba mill-kumpanija li qed jissupplixxi l-kontenituri tal-ħwejjeġ riċiklati biex jiżdiedu l-kontenituri u jiżdied servizz ta' darba fix-xahar ta' ġbir ta' ħwejjeġ bieb bieb. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Id-Direttorat tat-Toroq informa lill-Kunsill li ser jibda xogħol ta' culverts fi Triq Wied Babu minħabba l-problema tal-għarghar fil-basements tar-residenti. –Site plan mehmuża. **Dok 3 mehmuż.**<br>• Il-Kunsill irċieva ittra mingħand The Marigold Foundation fejn ġie ssuġġeriet li għax-xahar ta' Ottubru, post prominenti mir-raħal ikun mixgħul roża biex joħloq għarfien fuq il-kanċer tas-sider. Kien hemm qbil li tinxtel il-Mitħna tax-Xarolla.<br>• Inġibdet l-attenzjoni li fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu, il-kuntrattur tal-Knies li l-Kunsill għandu bħalissa ħadem tajjeb ħafna u fil-ġranet tal-festa tar-raħal tant naddaf li ma kienx hemm il-bżonn li jinħaslu t-toroq. Saru kumplimenti ukoll mir-residenti u fl-uffiċċju tal-Kunsill ma daħalx ilment wieħed.<br>• Kien hemm qbil li l-Kunsillier David Abdilla jixtri tifkiriet lis-Sindku ta' Pedara għal waqt li ser ikunu imsifrien.<br><br>Is-Sindku ħareġ mis-seduta fis- 19:15 u kompliet tippresjedi s-seduta l-Viċi Sindku Rita Grima. |
| | | |
| ***42.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA/ KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| | | |
| 42.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta numru 49 tal-Kumitat Amministrattivta' Bubaqra. |
| | | |
| ***42.8*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 42.8.1 | | Ġew approvati l-minuti tar-reġjun nofsinhar numri 3 u 4 li nżammu fil-25 ta' Jannar u Frar rispettivament. Ġew moqrija l-minuti numru 6 tal-laqgħa ġenerali tal-Gal Xlokk li saret fl-17 ta' Lulju, 2015. Ġew moqrija l-minuti tal-laqgħa tal-eżekuttiv numru 9 li saret fit-22 ta' Ġunju, 2018 tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***42.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 42.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta' **€214,007.65.**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u l-kunsilliera Pierre Farrugia.<br><br>Din hi l-lista approvata tal-impjegati li ser jidħlu overtime għas-sibtijiet. Laqgħat oħra ta' sotto kumitati, li jinqalgħu u li s'issa m'hemmx dati tagħhom, jiġu approvati f'seduta oħra.<br><br>**Overtime / Extra Working Hours** |

| Awwissu | Officer | € |
|---|---|---|
| 4 | Clerk B -Reduced Hours | 36.61 |
| 11 | Clerk A- Reduced Hours | 36.61 |
| 18 | Clerk A – Full Time | 40.08 |
| 25 | Clerk B – Full Time | 45.36 |

| Settembru | Officer | € |
|---|---|---|
| 1 | Clerk A – Full Time | 40.08 |
| 15 | Clerk B – Full Time | 45.36 |
| 22 | Clerk B -Reduced Hours | 36.61 |
| 29 | Clerk A- Reduced Hours | 36.61 |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***42.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 42.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa ta' 5 Settembru, 2018 fis-6.15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 5 ta' SETTEMBRU, 2018.

IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**